MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru. 576/2003

**IL-PULIZIJA**
**(SUPRITENDENT PIO PISANI)**

**KONTRA**

**CARMEN SCERRI ta' 39 sena, mart Paul, u bint Kristino Bugeja u Alfreda xebba Agius, imwieled l-Awstralja nhar id-9 ta' Ottubru, 1968, residenti fil-fond Dolmen Court, Flat 3, Triq Ghawdex, Qawra, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0170503(L);**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **CARMEN SCERRI**, li giet akkuzata talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, u cioe' fi Triq ic-Cirkewwa, limiti ital-Mellieha, nhar il-5 ta' Lulju, 2003 ghall-habta ta'

1455hrs, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti, jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni TEX 111 tal-marka Toyota, ikkagunat il-mewt ta' Barbara Bert (Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti, jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkagunat hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBK 547 tal-marka Kia Avella a skapitu ta' SC Car Rentals Limited (Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ikkunsidrat:

Illi frankament din il-Qorti ftit ghandha x'izzid ma' dak li kkonkludew il-periti teknici Dr Joseph Micallef Stafrace, Joseph Zammit, dan anke tenut kont ta' dak li jirrizulta mill-iskizz li ghamel il-Perit Richard Aquilina. Dan qieghed jinghad ukoll tenut kont ta' dak li xehdu z-zewg sewwieqa involuti f'dan l-incident.

Ghalhekk Manfred Habacher xehed (waqt l-Inkjesta). Dan qal li '*I wanted to turn right to go to Paradise Bay. I was driving on my side, then I turned right and the crash occurred…..I cannot explain why I did not see the other vehicle. This is the honest truth.*' (folio 28).

Minn naha taghha l-akkuzata xehdet kemm fl-Inkjesta kif ukoll viva voce. Fl-ewwel lok qalet illi hi kienet go Triq ic-Cirkewwa sejra lejn il-vapur t'Ghawdex biex taqbad dak tat-tlieta. Tghid li kienu xi 2.45pm. Tghid li ma kellhiex ghagla. Kienet ghaddejja fid-dritt, rat karozza gejja lejha fi triqitha normali. Tghid li f'daqqa wahda din il-karozza kisret quddiemha u habtet maghha 'T". Baqghu jitkaxkru. Dwar l-ispeed taghha tghid li la kien baxx u lanqas qawwi.

Viva voce issemmi l-istess hinijiet u li kellha vizwalita' tajba tat-triq. Tghid li hi rat il-karozza l-ohra miexja oppost normali fit-triq taghha, din il-karozza giet quddiemha biex

taqsam ghal go Paradise Bay Hotel. Tghid li meta l-vettura ghamlet il-U-turn, tant kienet vicin taghha '*…..dak il-hin inhsadt u hadt break pero ma kienx hemm cans ghax kienet close mieghi*.' (folio 86). Tghid li ndunat li l-karozza filli kienet miexja dritt u filli giet quddiemha (ghax daret), meta tant kienet vicin taghha '*bejn il-pedana tax-xhieda u l-hajt*' (folio 86).

Dwar l-ispeed taghha, qalet li kienet qed issuq bi speed ta' bejn 50 jew 55 kilometru, dan anke ghax hi ma kinitx mghaggla ghall-vapur li kienet ser taqbad.

Tikkonferma li *break marks* fuq il-post halliet.

Ikkunsidrat:

Illi harsa lejn l-iskizz anness mar-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina juri ben car it-tul tal-*break marks* li halliet it-Toyota misjuqa mill-akkuzata. Fil-fatt ghalkemm mix-xhieda ta' Habacher jirrizulta li dan frankament ghalkemm kellu vizwali tajba, ma rax il-vettura goffa u qabad u dar, pero mhux veritjiera l-akkuzata ghall-fatt li l-ispeed taghha kien wiehed baxx. Vera Habacher kien kontributorju fl-incident, pero kieku l-ispeed tat-Toyota ma kienx daqshekk haj, kieku d-dannu kien ikun wiehed inqas, mhux tali li baqghet anke fi kliemha tkaxkar il-vettura. Oltre dan it-tul tal-*break marks* jindika wkoll li hi fil-fatt rat il-vettura qabel ma dak li xehdet viva voce u kien l-ispeed gholi taghha li aktar impedieha milli twaqqaf il-vettura minnha misjuqa.

Ghaldaqstant issib htija ta' l-ewwel(1) akkuza wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hatja wkoll tat-tieni(2) akkuza, ghalkemm tali dannu qatt ma gew kwalifikati, dan wara li rat l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Dwar il-piena, rat il-fedina penali ta' l-akkuzata, u tqis li l-piena l-iktar idonea hija dik ta' multa ta' €2,000(elfejn Ewro), liema hlas ghandu jsib fi zmien gimgha mill-lum;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannaha thallas l-ispejjez peritali ghas-somma ta' €953.69 (disa' mija u tlieta u hamsin Ewro, u disgha u sittin centezmu), fi zmien gimgha mill-lum;

Rat ukoll l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tiskwalifika lil Carmen Scerri milli jkollha jew izzomm licenzji tas-sewqan ghal perjodu ta' sena(1) mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------